L-Orizzont

LORNA VASSALLO

Data tal-Pubblikazzjoni: Il-Gimgha, 24 ta' Jannar, 2003

## Guztizzja ingusta

Xi hlew! Xi hlew ta' taxxi! Insomma, m'humiex qeghdin jissejhu taxxi, imma zgur li huma effettivi iktar minn taxxi! Jissejhu multi! Ha nghiduha kif inhi, Lm5 'l hemm u Lm5 'l hawn jitilghu – u proprjament mhux Lm5 – jiddeciedi l-Kunsill kemm!

Dejjem kont nahseb li r-rwol tal-Pulizija tat-Traffiku kien aktar ta' deterrent (li jgieghel lin-nies jobdu r-regoli tat-traffiku bil-prezenza taghhom) milli jaghtu l-multi halli jqallghu l-flus lill-ghaziz Gvern. Imma fil-kaz li gara lili, zgur li ma kienx hekk.

Kont ghaddejja minn Burmarrad lejn il-Mosta (fejn it-triq ilha maghluqa xi sentejn u nofs tant, li tinsa x'jigifieri triq miftuha!) u rajt tabella tghidlek biex timxi lejn il-lemin. Wara kien hemm tabella ohra biex ma tidholx, imma sfortunatament bejn li kont naqra mghaggla u bejn li t-tieni tabella ma kinetx daqshekk cara, ghax hsibtha li biex ma tghaddix mill-parti tat-triq li ghadha mhaffra, bqajt tielgha.

Jien u tielgha bdew ipaqpquli, u ccekkjajt jekk kellix il-karozza qieghda taqbad! Intbaht li s-sewwieqa ta' kontra kienu qeghdin jippruvaw jghiduli xi haga! X'hin wasalt fuqnett tat-triq insib zewg pulizija bil-librett f'idhom lesti biex jaghtu c-citazzjonijiet! M'ghandniex xi nghidu, konna kju shih ta' karozzi nistennew biex jaghmlulna citazzjoni.

Mhux se noqghod innewwah ghax wehilt it-tielet citazzjoni ta' hajti, imma miniex persuna li nikser ir-regoli tat-traffiku, u citazzjonijiet rari qlajt – fil-fatt s'issa tlieta! Is-sabiha hi li, wisq nies ma fehmux ezattament x'qieghda tghid it-tabella fil-bidu tat-triq, u min bhali li ghalkemm kemm-il darba nzilt mit-triq, imma qatt ma tlajtha, ma jkunx imdorri jsuq f'dawk l-inhawi facli ma jindunax li t-triq hi *one-way* temporanjament (avolja t-temporanju f'pajjizna hu kwazi permanenti!)

Mela, l-ewwelnett ma nahsibx li dak il-kju ta' niex maqbudin kollha jistennew li jehlu multa tat-traffiku kienu nies li l-hena taghhom jiksru r-regoli tat-traffiku, u lanqas ma nahseb li, kollha tant huma cwiec ma jafux jaqraw it-tabelli, jien inkluza!

Imma kif kienet maghmula t-triq, litteralment kienet qieghda sservi ta' nassa ghal kull sewwieq li ma jafx il-post sew biex ihallas kontribut ta' hames, ghaxar jew aktar liri lill-Gvern jew Kunsill! Kienet litteralment nassa ppjanata u effettiva!

Dan kollu terga' u tghid, gara l-gurnata tal-Hadd fejn hafna nies min-nahat l-ohra ta' Malta jitilghu lejn it-Tramuntana tal-gzira bil-familja b'kollox.

Imma ghal xiex inhoss li multa bhal din hi ngusta? Naqbel li persuna li ssuq kontra f'*one-way* ghandha tiehu multa kbira, ghax qieghda tipperikola l-hajja ta' kull sewwieq li jista' jkun ghaddejh dak il-hin u li qieghed jobdi r-regoli tat-traffiku.

Naqbel ukoll, li min isuq bi *speed* eccessiv, ghandu jehel multa. Anzi dawn it-tip ta' multi ghandhom jinghataw iktar ta' sikwit, ghax nemmen li jekk iservu ta' deterrenti qeghdin isalvaw hajjiet in-nies li kieku jistghu jkunu nvoluti f'tipi ta' tali incidenti tat-traffiku.

Bhala cittadina matura, ma nghidx kontra l-pulizija li jaqdu dmirhom, imma nghid min jaf kemm-il incident tat-traffiku jistghu jevitaw!

Imma nghid jien, din l-imbierka triq, flok ma l-Pulizija qaghdu fit-tarf ta' fuq taghha, ma setghux qaghdu fil-bidu taghha? U jekk forsi ghamlu zball fil-bidu tal-gurnata, hadd minnhom ma gieh f'rasu jinzel fil-bidu tat-triq biex, flok joqghod jimla l-ktieb tac-citazzjonijiet joqghod hu jmexxi t-traffiku halli ma jidholx fiha?!

U jekk stess kien hemm bzonn il-Pulizija fin-naha ta' fuq tat-triq, ma setax jidhol pulizija iehor, u jaqla' l-gurnata tax-xoghol tieghu n-naha t'isfel tat-triq? Mela tajba, il-Gvern iffranka l-paga ta' gurnata xoghol ta' pulizija, u qala' elf darba l-istess ammont tal-flus li kienu mhallsa minn fuq dahar dawk kollha li ma ntebhux li t-triq hija maghluqa!

Is-sabiha hi, li t-triq hija maghluqa, u probabbilment l-istorja tigri kuljum! Probabbilment saret s'issa, introjtu kbir ghall-Gvern! U biex tghaxxaqha, meta tistaqsi kemm hi l-multa li wehilt, il-Pulizija lanqas biss ikun jaf – jghidlek li f'idejn il-Kunsill! Jigifieri dan l-ahhar tant qeghdin nivvintaw multi, li l-istamperija tal-Gvern m'ghandhiex cans tohroghom abjad fuq l-iswed – skond l-aptit tal-Kunsill!

L-ewwel nivvintaw il-multa, naraw kemm se jehluha nies, imbaghad inharsu naqra lejn is-sema u, skond kemm nixtiequ ndahhlu, naghmlu l-multa ta' kull persuna; f'dan il-kaz vittmi innocenti, li kisru r-regola bi zball.

Jiena Prokuratur Legali, jigifieri naf ezattament li fil-kaz tal-multi tat-traffiku jezisti l-principju ta' *strict liability*. Naf ukoll li "l-injoranza tal-ligi", mhix skuza!

Imma, m'ghandhiex il-Pulizija iggieghel lis-sewwieq jikser regola tat-traffiku minhabba tabella dubjuza, u tara kjuwijiet ta' sewwieqa li ma jintebhux bl-indikazzjonijiet insufficjenti tagha, jehlu l-multi meta kull ma tista' taghmel biex tirrimedja s-sitwazzjoni hu, li tqieghed pulizija jirregola t-traffiku hu!

Din mhix komplicità mal-Gvern? Min jaf eh, kemm ingabru flus! Heqq, xi Lm200 kull nhar ta' Hadd mhux bizzejjed! Bir-rata li bdew dehlin il-karozzi fit-triq jekk ic-citazzjonijiet ikunu ta' Lm10, il-Lm200 tigborhom f'siegha, u jekk il-Pulizija jkun ghaggel biex jikteb, aktar minn Lm200 f'siegha ddahhal!

Mhux ghax qed jiddispjacini ghal Lm5 jew Lm10, imma minhabba tabella, fil-passat, gherqu sitta jew sebgha min-nies ix-Xatt tal-Birgu, u kellna l-ikbar kumpens lill-qraba tal-vittmi li qatt raw il-Qrati Maltin – imma, jew din hi komplicità mal-Gven biex jigbor il-ftit minn fuq il-hafna (halli kulhadd ikollu jigdem ilsienu u jaqbad u jhallasha), jew inkella traskuragni tal-Pulizija!

Jekk hix il-wahda jew l-ohra dejjem hazin! L-ebda istituzzjoni ghandha kemm ghandha poter f'idejha ma tista' toqghod iggieghel lill-poplu jizbalja biex tislohlu flusu. Din hija gustizzja ngusta! Wahda mill-ewwel reazzjonijiet tieghi malli qlajt ic-citazzjoni kienet: "U jien nista' nharrek lill-Gvern tad-dewmien fix-xoghol?"

Ghax ghal min ma jafx, id-dewmien fix-xoghol f'arterja principali bhal ma hija din it-triq hu ndubbjament ta' inkonvenjent ghan-nies kollha ta' l-inhawi – kieku tabilhaqq ridna ninghaqdu flimkien, lill-Gvern malajr nitolbuh il-kumpens ta' kemm hlejna aktar petrol, u jekk kissirniex xi parti mill-karozza nghaddu mill-imharbat – sakemm ma jkunx hemm xi hadd li jkun habat ma' xi barriera tal-konkos, u jitolbu ta' dik ukoll.

U kieku r-residenti tabilhaqq jinghaqdu u, jkollhom l-interess guridiku mehtieg, kawza ghad-danni naraha lokha. Il-problema hija li ma tantx hawn avukati avventuruzi hawn Malta! U lanqas in-nies m'huma daqshekk avventurizi! Imma probabbilment tinqata' l-kawza, u t-triq tkun ghadha qieghda titlesta!

U dan iwassalni ghal osservazzjoni ohra. Fil-qasam tat-traffiku, digà sar hafna bdil, fejn mill-hazin morna ghall-aghar. Il-*Wardens* li saru t-terrur ta' kulhadd. Miniex qieghda ngerger ghall-multi li jaghtu, imma, aktar u aktar ghall-iskarsezza ta' difiza li jkollu s-sewwieq jew min ikun allegatament "kiser" xi regola – ghax jekk kontra l-Pulizija tista' terfa' subghajk, kontra *Warden*, hafna inqas! Biex ma nergghux insemmu t-taxxi tal-Kunsilli!

Hija idea tajba li tisloh Lm5 minn hemm u Lm5 minn hawn permezz tal-Pulizija u l-*Wardens*, ghax hafna persuni iddecidew li jhallsu Lm5, u ma jitilfux il-gurnata tax-xoghol, ghandhom jew m'ghandhomx tort ta' li gara.

Jekk wiehed jahseb fil-fond kollox huwa mahdum. Imma l-gustizzja m'ghandhiex taghmilha impossibbli ghac-cittadin li jiddefendi ruhu. Kollox huwa mahdum kontra c-cittadin. Imma dan ghadu mhux kollox!

Ftakru li barra minn Malta jezistu l-*parking metres* li fil-kaz ta' Malta huma "*pleasures yet to come*". Licenzji tas-sewqan u tal-karozzi digà gholew taht Gvern Nazzjonalista; lista, biex ma nsemmux il-mizati tal-Qrati tal-Gustizzja.

Apparti l-kwistjoni ta' *"justice delayed, justice denied"*. Personalment, irrikorrejt darbtejn ghand l-*Ombudsman* u, d-darbtejn, ir-risposta tieghu kienet tard, li mhux ix-xoghol ilhaqt bdilt u stabbilejt ruhi x'imkien iehor! Ghandna gustizzja li wara li teghreq, ittellghek mill-bahar u taghmillek l-awtopsja!

U ftakru li bi shubija fl-Unjoni se jigu mportati iktar ideat ta' taxxi u multi minn dan it-tip, ghax ghal Malta, kull gustifikazzjoni ghall-Gvern li jisloh lill-poplu bi dritt, nghidulha merhba!

Imma, ara xi hadd jahseb li wasalna fl-ahhar! Kemm ghad baqa' x'jigi vvintat! Bhal ma naghmlu dejjem inharsu lura u nghidu "Dak kien zmien! Kont tisa' tipparkja fejn ridt b'xejn", u l-Gvern ikun ghadu l-istess u l-problemi taghna jkunu ghadhom l-istess.

Ir-residenti tal-Belt, ta' Paceville u ta' Tas-Sliema jkunu ghadhom bla soluzzjoni, ic-cittadin ikun ghadu jhallas il-hames lirijat f'multi bla m'ghandu tort, u *parking fees* ikunu ghadhom joghlew. Sahansitra, issa, dahlet it-tendenza li fuq multi, nuqqas ta' hlas ta' taxxi, ecc. jiddahhal l-ultimatum jew *deadline* ghall-hlas u l-interessi. Dan taparsi biex jirregolaw lic-cittadin! U c-cittadin qatt ma jista' jirregola l-Gvern li jiggvernah!

U l-aneddotu tieghi tal-lum jintemm hawn. Se nhallas il-multa, meta jghiduli u jiddeciedu kemm hi, xejn xejn, jekk jitla' Gvern gdid forsi ma tafx kif isib Lm10 tieghi fil-kaxxa ta' Malta ghax dik biss ikun ghad baqa!

*Ghal kummenti jew suggerimenti iktbuli fuq lornav@onvol.net*